MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 289/2005

**Accent Clear Traders Company Limited**

**vs**

**Registratur tal-Qrati u Cole Foods Limited ghal kull interess li jista' ikollha.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici Accent Clear Traders Company Limited datat 22 ta' Marzu 2005 fejn esponiet: -

1. Illi b'sentenza moghtija fl-4 ta' Gunju 1999, l-kawza fl-ismijiet *Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited* (Citazzjoni numru 2029/95 FGC), giet deciza minn din l-Onorabbli Qorti favur is-socjeta' konvenuta f'dik l-istanza (u rikorrenti f'din l-istanza) a bazi tal-ewwel eccezzjoni sollevata minnha tar-"res judicata".

2. Illi sussegwentement, u *in vista* tar-rifjut tal-intimat Registratur tal-Qorti illi johrog it-taxxa tal-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji konnessi mal-istess kawza fl-ismijiet *Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited* (Citazzjoni numru 2029/95 FGC) hawn fuq indikata, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta illi tintavola proceduri fl-ismijiet *Accent Clear Traders Company Limited vs Cole Foods Limited u r-Registratur tal-Qrati* (Citazzjoni numru 300/00 JRM) fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tillikwida u tiddetermina l-valuri relattivi ghall-finijiet tat-tassazzjoni tal-kawza hawn fuq indikata.

3. Illi fil-mori ta' din l-istess kawza, cjoe` fil-kawza *Accent Clear Traders Company Limited vs Cole Foods Limited u r-Registratur tal-Qrati* (Citazzjoni numru 300/00JRM), ir-Registratur tal-Qorti hareg taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji (Dokument "A") rigwardanti l-kawza *Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited* (Citazzjoni numru 2029/95 FGC), fejn gie likwidat il-hlas ta' seba' Liri Maltin (Lm7.00) bhala d-dritt tar-Registru, *oltre* l-hlas ta' erbghin Lira Maltija (Lm40.00) u tlettax-il Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm13.33) bhala drittijiet tal-Avukati u l-Prokuraturi Legali rispettivi, fil-kawza *Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited* (Citazzjoni numru 2029/95 FGC]

4. Illi s-socjeta` rikorrenti tixtieq tattakka din it-taxxa bhala irregolari u konsegwentement inattendibbli, ghar-ragunijiet segwenti:-

(i) Illi gjaladarba l-kawza - istitwita mis-socjeta' rikorrenti appozitament sabiex il-valuri relattivi ghall-fini tat-taxxa tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji tal-kawza l-ohra (Citazzjoni numru 2029/95FGC) jigu likwidati u determinati - ghadha pendenti quddiem il-Qorti, taxxa finali ta' drittijiet ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma din il-kawza tigi deciza; u

(ii) Illi l-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur kien erronju u irregolari.

**<u>(i) Zmien li fih ghandha tinhareg taxxa finali.</u>**

Illi kif gja` premess, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta - unikament minhabba r-rifjut tal-intimat Registratur tal-Qorti illi johrog it-taxxa tal-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji konnessi mal-kawza fl-ismijiet *Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited* (Citazzjoni numru 2029/95 FGC) deciza fl-4 ta' Gunju 1999 - illi tintavola l-kawza fl-ismijiet *Accent Clear Traders Company Limited vs Cole Foods Limited u r-Registratur tal-Qrati* (Citazzjoni numru 300/00JRM) fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tillikwida u tiddetermina l-valuri relattivi ghall-finijiet tat-tassazzjoni tal-kawza hawn fuq indikata.

Illi r-Registratur tal-Qorti minflok accetta illi johrog taxxa tal-kawza bic-citazzjoni numru 2029/95FGC, insista u ottjena sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu fil-kawza numru 300/00JRM, fis-sens illi r-Registratur tal-Qorti ma kienx il-legittimu kontradittur ghall-istess azzjoni, u - wara li hareg mill-kawza numru 300/00JRM - hareg taxxa tal-kawza bic-citazzjoni numru 2029/95FGC, u dan qabel ma' din l-Onorabbli Qorti setghet tiddetermina l-valuri relattivi, kif mitlub fil-kawza numru 300/00JRM.

Illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, kwindi, it-taxxa mahruga mill-intimat Registratur tal-Qorti hija irrita u nulla, u timmerita li tigi revokata - billi gjaladarba r-Registratur kien irrifjuta li johrog it-taxxa relattiva sakemm ma jkunx hemm qbil fuq il-valur li kellu jigi attribwit ghall-finijiet tal-istess tassazzjoni, u gjaladarba s-socjeta` rikorrenti kienet kostretta li tirreferi l-kaz ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi determinat u stabbilit il-valur relattiv, u gjaladarba l-istess Registratur kien ben konsapevoli dwar l-ezistenza ta' din il-kawza tant illi anke ddefenda ruhu fl-istess proceduri bin-numru 300/00JRM – tenut kont ta' dan kollu s-socjeta` rikorrenti umilment tissottometti illi r-Registratur ma kellu l-ebda setgha, billi kien zvesta ruhu mid-dritt, li johrog it-taxxa hawn unita bhala Dokument 'A' sakemm ikun maghruf l-ezitu finali tal-kawza bin-numru 300/00JRM.

**iii) Metodu ta’ intaxxar erronju u irregolari**

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` rikorrenti lanqas ma taqbel mal-likwidazzjoni maghmula mir-Registratur, *ai termini* tal-artikolu 11(1) tal-istess Tariffa A, dwar id-drittijiet tar-Registru u tal-Avukati u Prokuraturi Legali rispettivi in konnessjoni mal-istess kawza.

Illi huwa pacifiku li ntaxxar tad-drittijiet tal-kawzi ghandu jigi regolat mit-Tariffi A u E, kontenuti fl-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sakemm il-klijent u l-avukat ma jkunx ftiehem li jithallas b’rati ohra permessibbli mil-ligi (ara artikolu 47a tal-Iskeda E).

Illi jinghad li waqt li t-Tariffa A tiddetermina d-drittijiet li jithallsu r-Registru, it-Tariffa E tiddetermina d-drittijiet tal-avukat u prokuraturi legali. Iz-Zewg tariffi huma komplementarji.

Illi skont l-inkartament illi jidher fl-atti tal-kawza, din il-likwidazzjoni saret a bazi tal-fatt illi - billi t-talbiet tas-socjeta’ Cole Foods Limited gew michuda fis-sentenza u valur ma kienx hemm fit-talbiet attrici f’dik il-kawza (Citazzjoni numru 2029/95 FGC), il-kawza giet intaxxata bhala dikjarazzjoni. Fl-umli fehma tas-socjeta’ rikorrenti, din il-konkluzjoni hekk attribwit mir-Registratur tal-Qorti, mhux biss huwa erronju, izda wkoll arbitrarjament stabbilit mir-Registratur b’interpretazzjoni zbaljata tal-fatti kif ukoll applikazzjoni erroneja tat-tariffi kontenuti fl-Iskeda A u E tal-Kap 12, u senjatament dawk l-artikoli rilevanti li jirregolaw it-tariffi tad-drittijiet li ghandhom jithallsu rigward is-smigh tal-kawzi sew lir-Registru tal-Qorti u sew lill-Avukati u Prokuraturi Legali tal-partijiet.

Illi dan l-izball fil-komputazzjoni tat-taxxa tad-drittijiet attribwit mir-Registratur huwa evidenti anke mill-fatt illi s-socjeta’ Cole Foods Limited stess - attrici fil-kawza numru 2029/95FGC - kienet ipprezentat mandat ta’ sekwestru (numru 3253/95) b’valur definit ta’ hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) rapprezentanti xoghol mhux skont l-art u s-sengha u mhux tal-kwalita` pattwita *“dwar liema qed tigi*

*pprezentata citazzjoni kontestwalment.”* Ghalhekk, fil-umli fehma tas-socjeta’ rikorrenti, ir-Registratur kellu jintaxxa d-dritt fuq dan il-valur definit.

Illi *in oltre*, skont l-artikolu 4, subinciz (3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap 12, il-valur ta’ kawza jista’ jinbidel biss mill-Qorti jekk wara s-sentenza finali l-Qorti tkun ddikjarat jew illikwidat ammont bhala valur tal-kawza u dak il-valur huwa cert jew jista’ jigi llikwidat skont il-ligi.

Illi, f’dan ir-rigward, it-Tariffa E tipprovdi ghall-intaxxar ta’ dawn id-drittijiet ghal kull sentenza definittiva, u mhux qabel (artikolu 13 tat-Tariffa E). *Oltre* dan, gjaladarba ma jistax jigi applikat id-dispost tal-artikolu 15 tat-Tariffa E *stante* li valur tal-kawza huwa determinabbli, ghandu japplika l-artikolu 14 fejn jithallas dritt skont l-artikolu 13 fuq il-valur hekk stabbilit.

Illi, ghaldaqstant u fil-fehma umli tas-socjeta` rikorrenti, f’dan l-istadju, ir-Registratur ma ghandhux is-setgha illi jintaxxa d-drittijiet professjonali f’din il-kawza b’mod differenti minn dawk disposti fl-artikoli hawn fuq citati.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ esponenti *ai termini* tal-Artikolu 64 tal-Kap 12, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka t-taxxa hawn ezebita bhala Dokument ‘A’ mahruga mir-Registratur intimat fir-rigward tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji relattivi ghall-kawza fl-ismijiet, *Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited* (Citazzjoni numru 2029/95 FGC), deciza mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Gunju 1999.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-10 ta’ Mejju 2005.

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali datata 21 ta’ April 2005 (fol 8) fejn espona: -

Illi t-talbiet rikorrenti kif diretti kontra tieghu ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi dil-procedura ma saritx skont it-termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12 u hija intempestiva.

2. Illi l-intimat Registratur, Qrati Civili u Tribunali kien diga` parti fil-kawza citazzjoni numru 300/200JRM fl-ismijiet ‘Accent Clear Traders Company Limited vs Cole Foods u Registratur tal-Qrati’ fejn din l-istess Qorti kienet illiberat lill-intimat Registratur, Qrati Civili u Tribunali mill-osservanza tal-Gudizzju, u punti mresqa f’dil-procedura prezenti kienu diga` gew trattati u decizi minn dil-Qorti fis-sentenza taghha li fiha kienet illiberat lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali kien korrett meta hareg it-taxxa *de quo*; u meta wettaq tali mansjoni huwa kien pjenament *entro* s-setghat tieghu in kwantu huwa ma zvesta ruhu minn ebda dritt li jiddetermina u johrog it-taxxa *de quo* wara li kien liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza 300/200JRM. Dan ghaliex anke kif diga` deciz fis-sentenza liberatorja ta’ dil-Qorti tat-3 t’Ottubru 2003, l-intaxxar tal-ispejjez gudizzjarji hija prerogattiva tal-intimat Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

4. Il-metodu ta’ ntaxxar kien korrett u mahdum skont il-ligi; dak li semmai kellu jigi determinat b’mod aktar korrett kien l-addizjoni tal-ammonti dovuti bhala dritt tal-avukat li jkun irid jaqra Lm110 u mhux Lm40 kif indikat fl-istess taxxa. Dan huwa dovut ghall-fatt li mill-atti ma jirrizulta li ebda valur ma gie dikjarat u determinat mill-atti processwali *de quo*.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Cole Foods Limited (fol 11) datata 6 ta’ Mejju 2005 fejn esponiet illi: -

Illi l-azzjoni hekk kif promossa permezz tar-rikors odjern hija dik hekk kif provdut fl-artikolu *64* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi fost l-ohrajn illi **“L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar.”** Peress illi t-taxxa *de quo* inharget

aktar minn tliet snin ilu cioe` fit-22 ta’ April 2002, l-azzjoni hekk kif promossa hija preskritta u perenti.

Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raguni provduta fir-rikors promotur illi taxxa finali ma setghetx tigi kkalkulata qabel ma tigi deciza l-kawza fl-ismijiet “Accent Clear Traders Company Limited vs Cole Foods Limited u r-Registratur tal-Qorti” (Citazzjoni Numru 300/OOJRM) ma treggiex *stante* illi r-Registratur tal-Qorti bl-ebda mod ma kien inibit milli jaqdi d-dmiru u jespleta l-obbligu tieghu skont il-ligi u johrog taxxa. Infatti anke din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fid-decizjoni *in parte* moghtija 3 ta’ Ottubru 2001 fil-kawza hawn citata “Accent Clear Traders Company Limited vs Cole Foods Limited u r-Registratur tal-Qorti” (Citazzjoni Numru 300/OOJRM) qalet illi *“Fil-verita’ l-intaxxar tal-ispejjez hija prerogattiva tar-Registratur tal-Qorti skont ma jipprovdi l-Artikolu 64 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.”* Ghandu jinghad illi din is-sentenza ma gietx appellata.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raguni l-ohra provduta fir-rikors promotur u cioe` illi l-metodu ta’ l-intaxxar hu erronju u rregolari wkoll ma treggiex *stante* illi l-komputazzjoni tat-taxxa *de quo* kienet bbazata fuq il-fatt illi kif qalet dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fis-sentenza *in parte* fuq imsemmija, liema sentenza ma gietx appellata *“il-proceduri msemmija qatt ma wasslu ghall-istadju tal-likwidazzjoni tad-danni billi b’sentenza tal-4 ta’ Gunju 1999, il-kwistjoni giet determinata fuq punt legali billi l-Qorti rriteniet li bejn il-kontendenti kien hemm gia’ decizjoni f’sentenza precedenti li ostakolat l-prosegwiment tal-imsemmija proceduri”.*

Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet mressqa fir-rikors promotur tas-socjeta` Accent Clear Traders Co. Limited bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Mejju 2005 (fol 13) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn Dr. Norval Desira talab illi l-provi relevanti imressqa fil-kawza Citazzjoni Nru 300/00 jkunu jaghmlu parti mill-provi ta' dan ir-rikors. Il-Qorti laqghet it-talba; rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2006 fejn meta issejjah ir-rikors deher Dr. Norval Desira ghall-Kumpanija rikorrenti. Deher ukoll Dr. Joseph Zammit ghall-Kumpanija intimita Cole Foods Ltd. L-intimat Registratur tal-Qorti u l-Avukat tieghu ma dehrux. Peress illi r-rikors kien imholli ghal din is-seduta biex ir-Registratur tal-Qorti jiddikjara jekk kellux provi aktar xi jressaq u dan ghalkemm imsejjah diversi drabi ma deherx, il-Qorti ddikjarat maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi. L-avukat Aronne Bugeja ghall-intimat Registratur tal-Qorti iddikjara li r-Registratur tal-Qrati qatt ma hareg fil-konfront tal-Kumpanija rikorrenti att gudizzjarju kif imsemmi fl-Art 64(1) Kap 12. L-Avukati tal-partijiet trattaw ir-rikors. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2006; u l-verbali kollha mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta mis-27 ta' April 2006 sas-27 ta' Settembru 2012 fejn r-rikors baqa' dejjem differit ghas-sentenza; ir-rikors gie differit ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-istess Qorti il-kawza giet differita ghas-26 ta' Marzu 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija azzjoni ta' ritassa skont l-**artikolu 64 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara nulla u inattendibbli t-taxxa ufficjali dwar id-drittijiet u l-ispejjez (Dok. "A" a fol. 5) li nharget in segwitu

ghas-sentenza fl-ismijiet **"Cole Foods Limited vs *Accent Clear Traders Company Limited* Emanuel Ellul "** (P.A. (FGC – 4 ta' Gunju 1999 - allegat mal-atti tal-kawza li qed tinstema' kontestwalment mal-prezenti bin-numru 300/2000/LSO).

Pendenti bejn il-partijiet hemm kawza ohra li wkoll qed tinstema' quddiem din il-Qorti bl-ismijiet *Accent Clear Traders Company Limited vs Cole Foods Limited u r-Registratur tal-Qrati (Citazz.Nru. 300/2000/LSO)* li permezz tal-istess is-socjeta' attrici talbet li l-valur tal-kawza imsemmija jigi likwidat *ai fini* tal-intaxxar tal-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji. Gara li fil-mori ta' dik il-kawza, ir-Registratur tal-Qrati hareg taxxa li hija l-mertu tal-kawza odjerna.

Is-socjeta` attrici ssostni in-nullita` u l-irregolarita` tat-taxxa u tghid li kellha tistitwixxi l-kawza precedenti kontra *Cole Foods* u r-Registratur tal-Qrati (li b'sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament presjeduta gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju) proprju, skont dak allegat mill-istess rikorrent, minnhabba r-rifjut tar-Registratur tal-Qrati li johrog taxxa tal-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji.

Izda jirrizulta li fil-mori, u *nonostante* li ma kien hemm ebda qbil fuq valuri, l-istess Registratur hareg taxxa ghall-kawza bic-citazzjoni numru 2029/95 FGC qabel mal-kawza bic-citazzjoni numru 300/2000 giet determinata definitivament u fil-mori tal-istess.

Skont is-socjeta` rikorrenti, *inoltre*, ir-Registratur ma setax johrog taxxa finali galadarba kien hemm kawza li ghadha *sub judice* u qabel ma' din l-Onorabbli Qorti setghet tiddetermina l-valuri relattivi, kif mitlub fil-kawza numru 300/00JRM.

*Inoltre* skont is-socjeta` attrici, il-kriterji applikati mir-Registratur tal-Qrati *ai fini* tat-taxxa mahruga, huma arbitrarji peress li l-valur tal-kawza kien determinabbli mill-att tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-kawza 2029/95 FGC b'valur definit ta' hamest elef lira

Maltija (Lm5,000) "*rapprezentanti xoghol mhux skont l-arti u s-sengha u mhux tal-kwalita` pattwita dwar liema qed tigi pprezentata citazzjoni konestwalment*" (Mandat numru 3253/95 allegat mal-atti tal-kawza numru 300/2000/LSO).

**Provi Prodotti**

Tressqu diversi xhieda in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati biex jispjegaw il-kriterji li fuqhom inharget it-taxxa imsemmija.

Jirrizulta mix-xhieda ta' **Rita Mangion,** li kienet id-Deputat Registratur tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Frank G. Camilleri, li kienet kitbet fuq il-qoxra tal-process li ma jirrizulta ebda valur u ghalhekk it-taxxa ma setghetx tinhareg proprju minhabba illi jkun hemm valur nieqes. Meta kien jigri hekk kienet tistenna li tiddahhal nota x'aktarx mill-partijiet illi jiddikjaraw valur tal-kawza u mbaghad kienet tipprocedi ghall-intaxxar ta' dak id-dritt.

Hi xhedet li "*meta kien ikolli cirkostanza bhal f'dan il-kaz, fejn ikun naqas valur tal-kawza, jiena l-process kont nibghatu fir-registru wara li tinghata s-sentenza. Ma kontx inzommu jiena. Kont nerga' nibghat ghalih biss, meta jew jekk kienet tidhol xi nota mill-partijiet li fiha jkun hemm dikjarazzjoni tal-valur tal-kawza..*"

**Frank Mercieca** *qua* Deputat Registratur xehed[1] u spjega illi t-taxxa fir-rigward il-kawza 2029/95 FGC li giet deciza fl-4 ta' Gunju 1999 saret minnu. Huwa qabel illi fil-kawza kien ghad jonqos il-valur izda dejjem kellhom *guidelines* fis-sens li meta tintalab taxxa, din bhala regola tohrog fuq il- *minimum* tal-*valorem* ta' dak iz-zmien. Dak iz-zmien l-ammont tal-kompetenza minima tal-Qrati Superjuri kien ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u sostna li mill-ammont li jidher ta' Lm110, qed jifhem illi giet intaxxata fuq l-Lm2,000

Fi kliemu stess:

[1] Fol. 29 tal-process.

*“Ahna nintaxxawhom u jekk ma jkollniex valur, nintaxxa fuq five thousand, dak iz-zmien kienet two thousand.”*

Mistoqsi jekk meta kien mitlub sabiex johrog din it-taxxa, gie mgharraf bil-fatt illi kien hemm taxxa pendenti sabiex jigi determinat il-valur mill-Qorti, irrisponda illi ma kienx konnxju ta' dan il-fatt. *"Kieku ma kontx nintaxxaha jew kont nitlob dikjarazzjoni bhal ma nahmel is-soltu*[2]."

Mistoqsi jekk fil-process, meta ghamel it-taxxa rrizultalux referenza ghal-Mandat ta' Sekwestru sabiex ikun jista' jahdem il-valur, irrisponda li *"aktarx li le, anke peress illi fic-citazzjoni giet michuda t-talba fir-rigward id-danni*." Huwa qal ukoll illi fis-sentenza ma kienx hemm valur ghaliex it-talba ghad-danni giet michuda. Xehed ukoll li mill-atti ma rrizultax illi kien hemm xi mandat.

Huwa qal ukoll illi *ai fini* ta’ taxxa, huwa kien semplicement hareg id-dritt tal-avukat u tar-Registru. Konsegwentement, skont il-procedura normali, il-process imbaghad jmur ghand dawk li huma nkarigati biex jiehdu hsieb it-taxxa. Dak iz-zmien kienet Ruth Mercieca li kienet tiehu hsieb, pero’ spjega li d-dritt tal-Avukat kien intaxxah fl-ammont ta’ Lm110 u mhux Lm40.

Fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2006[3] id-difensur tar-Registratur iddikjara li r-Registratur tal-Qrati qatt ma hareg fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti att gudizzjarju kif imsemmi fl-artikolu 64(1) Kap.12

Jigi osservat li minn ezami tal-atti tal-kawza 2029/95 ma jirrizulta ebda valur indikat fil-process u ghalkemm saret riferenza ghall-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni, kopja tal-mandat ma kienx esebit fl-atti ta' dik il-kawza.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

[2] Fol.32 tal-process.
[3] Fol.40

Illi din il-Qorti taghmel taghha l-principji enuncjati minnha kif diversament presjeduta fil-kawza *Accent Clear Traders Co. Ltd. vs Cole Foods et* (CItazz.Nru.300/2000) fejn il-Qorti, fis-sentenza preliminari taghha moghtija fit-3 ta' Ottubru 2001 sostniet li: "*L-intaxxar tal-ispejjez gudizzjarji hija prerogattiva tar-Registratur tal-Qorti skont ma jipprovdi l-artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn l-ispejjez, skont l-artikolu 1004 tal-istess Kodici ghandhom jigu ntaxxati u mhallsa skont it-Tarriffi fl-Iskeda A annessa mal-istess Kodici u skont regolamenti maghmula mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja' taht l-istess artikolu.*" Din il-Qorti sahhqet li huwa dmir tar-Regisratur tal-Qorti impost fuqu bil-ligi li jirregola ruhu sabiex jiddetermina l-ispejjez u d-drittijiet tad-diversi persuni involuti fi proceduri gudizzjarji, inkluzi l-ispejjez tar-registru. Dan id-dmir "*jipprexxindi minn kull kwistjoni li tista' tqum bejn il-kontendenti dwar il-bazi tal-mertu tal-kawza.* "[4]

Minn dan isegwi li r-Registratur ma jistax ihalli pendenti l-intaxxar ta' kawza ghaliex ikun qed jonqos mid-doveri tieghu u skont ir-regolament 11(2) ta' Tariff A tal-Ewwel Skeda, ir-Registratur ghandu johrog taxxa finali fi zmien xahar mis-sentenza definitiva, dejjem skont il-kriterji stabbiliti mil-Ligi u mir-regolamenti. Ir-regolament 4(2) ta' Tariff "A" tal-Ewwel Skeda gja jipprovdi ghall-valur minimu li ghandu jigi ntaxxat bhala spejjez tar-Registru meta l-valur hux determinat jew determinabbli skont ir-regolamenti stabbiliti. Dan il-valur jista' jinbidel fuq ordni tal-Qorti.[5]

Illi din il-Qorti ma tistax tikkondividi ghalhekk it-tezi tas-socjeta` attrici li t-taxxa hija irrita u nulla ghaliex inharget waqt kawza pendenti bejn iz-zewg socjetajiet. Ir-Registratur tal-Qrati mhux biss ghandu prerogattiva li jintaxxa l-kawza, imma anke dmir impost fuqu mill-legislatur. Kien pjenament fl-awtorita` u fid-dmirijiet tieghu, ghalhekk, meta hareg it-taxxa mertu ta' din il-kawza. Kif qalet tajjeb din il-Qorti diversament presjeduta "*Dan id-*

[4] Art.1004 Kap.12
[5] Art 4(3) tat-Tarriffa "A" tal-Ewwel Skeda.

*dmir tieghu ghalhekk huwa wiehed impost bil-ligi u jipprexxindi minn kull kwistjoni li tista' tqum bejn il-kontendenti dwar il-bazi tal-mertu tal-kawza."*[6] Ma jirrizulta minn imkien li r-Registratur kien impedut legalment milli johrog taxxa finali jekk fid-diskrezzjoni u fl-ezercitar tal-prerogattiva tieghu deherlu li seta' jaghmlu. Jibqa' dejjem u f'kull kaz id-dritt tal-parti jew tad-difensur tieghu biex jikontesta l-kriterji applikati kif qed isir permezz ta' din il-kawza li qed tinstema' kontestwalment mal-ewwel kawza intavolata mir-rikorrent.

Illi izda, jenhtieg li jigi ezaminat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni issolevata mis-socjeta` konvenuta naxxenti mill-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ir-Registratur tal-Qrati eccepixxa proceduralment li l-procedura odjerna ma saritx skont it-termini tal-artikolu 64 tal-Kap.12 u hija intempestiva.

Il-Qorti ser tindirizza l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li, izda, mhix sostnuta mill-konvenut Registratur tal-Qrati li min-naha tieghu eccepixxa l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna u sahansitra ivverbalizza li "qatt ma hareg fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti att gudizzjarju kif imsemmi fl-artikolu 64(1) Kap.12".[7]

L-artikolu **64 tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"(1) *L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

It-taxxa mertu ta' din il-kawza hija datata t-22 ta' April 2002 u giet rilaxxjata lid-difensuri tas-socjeta` konvenuta f'dik id-data. Ma jirrizultax id-data li fiha giet mitluba

[6] Sentenza preliminari *Accent Clear Traders Company Ltd v Cole Foods Ltd u Registratur tal-Qrati* dec. 3 ta Ottubru 2001 (Cit. 300/2000 AJM) a fol. 23 et. seq. tal-process .
[7] Seduta tal-25 ta' Jannar 2006 a fol. 40 tal-process.

ghaliex, ghalkemm hemm notament fuq il-qoxra tal-process tas-sentenza deciza bl-isem Dr. Lorna Grech, ma hemmx data abbinata ma' dan in-notament u ma jirrizultax mill-atti jekk  Dr. Lorna Grech kinetx qed tagixxi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta jew tas-socjeta` rikorrenti f'dawk il-proceduri.

Ir-Registratur tal-Qrati ikkonferma li qatt ma hareg fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti att gudizzjarju kif imsemmi fl-artikolu 64(1) Kap.12.

Madanakollu t-taxxa giet esebita fl-atti tal-kawza bejn l-istess kontendenti, fl-ismijiet *Accent Clear Traders Co. Ltd vs Cole Foods Limited et (Cit. Nru 300/2000 LSO)* b'nota a fol. 32 tal-process f'dik il-kawza, datata it-22/4/2002. Fil-verbal redatt quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-istess data (22 ta' April 2002) fejn kienu prezenti id-difensuri tal-paritjiet, gie verbalizzat il-prezentata ta' din in-nota. Ir-rikors promotur tal-proceduri odjerni gie prezentat fit-22 ta' Marzu 2005, cjoe tliet snin wara l-prezentata tan-nota imsemmija. *Inoltre* jigi rilevat li qabel ma giet ipprezentata din il-kawza u sussegwentement ghall-prezentata tan-nota, b'ittra mibghuta mis-socjeta` attrici lir-Registratur tal-Qorti fl-20 ta' Frar 2004 esebita a fol 47 ta' dak il-process, is-socjeta` attrici annettiet it-taxxa hi stess mal-ittra sabiex talbet spjegazzjoni lill-xhud rapprezentant tar-Registratur tal-Qorti dwar il-kriterji applikati fil-komputazzjoni tal-istess taxxa. B'hekk is-socjeta` attrici uriet (jekk kien hemm bzonn evidenza ulterjuri) li mhux biss hadet konjizzjoni tat-taxxa gja esibita permezz ta' nota imma sahansitra ghaddiet ghall-atti ohra ibbazati fuq din it-taxxa

Kif gie ritenut mill-Onor. Qorti tal-Appell fil-kawza ***Av. Tonio Borg noe -v- Agent Registratur tal-Qrati*** deciza fl-4 ta ' Frar 1994[8], ir-Registratur ghandu l-poter u d-dover li jintaxxa u jiddetermina l-ispejjez gudizzjarji. Il-Qorti ikkonsidrat li "*Huwa veru li, fl-intaxxar tal-kawzi, ir-Registratur hu obbligat li jsegwi u jottempera ruhu mat-tariffa li tiddetermina dawn l-ispejjez u drittijiet gudizzjarji,*

[8] Kollezz. LXXVIII.ii.34

*imma hu car wkoll li hu jezercita f'dan il-kuntest, funzjoni kwasi gudizzjarja, u f'dan is-sens id-decizjoni tieghu tista' biss tigi kkontestata kif ipprovvdut fl-istess Kodici bil-procedura ta' ritassa."*

Stabbilit li l-uniku procedura prevista mill-Kodici ghall-kontestazzjoni ta' taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti hija dik ta' ritassa prevvista bl-artikolu 64 tal-Kap.12, jibqa' ghalhekk l-ezami tad-dekors tal-perjodu ta' preskrizzjoni gudizzjarja ta' xahar li johrog minn dak l-artikolu.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, *"Wara jkun fid-drittijiet tal-parti interessata li tattakka din it-tassazzjoni fi zmien utili u kemm-il darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri msemmija fl-artikolu citat (art.64) dik it-taxxa ma tkunx tista' tigi aktar ikkontestata u ssir titolu ezekuttiv skont ma jipprovdi l-artikolu 253 sub-inciz (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta".* ***(Mid Med Bank Plc -v- Ellul Holdings Limited noe et. PA)***[9]

**Hekk ukoll intqal li "***Come si stabilisce dall'art. 80, Cod. Proc.Civ. (*illum art. 64 tal-Kodici*) le tasse fatte dal Registratore non possono essere impugnate spirato un mese dal giorno in cui fossero, anche per lettera ufficiale, notificate."*[10]

Illi indubbjament is-socjeta` attrici ma gietx notifikata bit-taxxa permezz ta' ittra ufficjali. Izda jirrizulta mill-provi li giet a konjizzjoni gudizzjarja tal-istess taxxa meta din giet esebita b'nota fl-atti tal-kawza konnessa ma' dik odjerna (Cit. Nru. 300/2000) u sahansitra agixxiet in segwitu billi talbet spjegazzjoni minn diversi xhieda li pproduciet.

L-artikolu **2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li: "***Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni*

[9] Kollezz.LXXXVI.iii.315
[10] Cremona *"Gurisprudenza sul Procedura Civile" Vol. I p.143*

*tmiss" u dan b'applikazzjoni tal-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li "actioni non natae non praescribitur."* [11]

Illi gie stabbilit ukoll li, ghall-finijiet tal-**artikolu 2137,** iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li, "*certament, in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel*". (**"Alfred Delia vs John Testaferrata Abela"** (P.A. 25 ta' April 1964 - Kollez. Vol XLVIII.ii.959)

Fil-materja tal-preskrizzjoni l-Qrati taghna dejjem segwew l-insenjament li l-inerzja ma timpedix id-dekors tal-perjodu preskrittiv *ai fini* tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni *purche* din l-inerzja mhiex dovuta ghall-impossibbilta` li jagixxi. Il- kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li t-terminu estintiv jibda jiddekorri "*minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa"* jirreferu ghall-kawzi guridici li jistghu jkunu ta' xkiel ghall-azzjoni u mhux ghall-kawzi purament fattwali, per ezempju, ghal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soggettiv diment li dawn ma jqieghduhx fl-impossibbilta` li jagixxi.[12]

Kif intqal sew mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009[13]: "*Fil-fehma ta' din il-Qorti, u skont il-ligi u l-gurisprudenza fuq riportata, it-terminu preskrittiv ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setghet titmexxa, u cioe' minn dakinhar li s-socjeta` attrici* ***setghet*** *tkun taf bl-inadempjenza. Hekk per ezempju fil-kaz* ***Stivala vs Colombo*** *deciza mill-Prim'Awla Civili fid-9 ta' Jannar 1953 fejn il-Qorti kienet qalet li t-terminu kellu jibda ghaddej "minn dakinhar li l-attur seta' ikun jaf bin-nuqqas u jagixxi kontra l-konvenut*."

---

[11] **John Grech v Ivan Mifsud et. PA 1 ta' April 2003.**
[12] Ara per ezempju *Codice Civile Annotato - Torrente Pescastore e Ruperto*, Giuffre Ed. 1973 kazistika dwar l-artikolu 2935 tal-Kodici Civili Taljan li hu analogu ghad-disposizzjoni tal-Ligi Maltija dwar il-punt ta' partenza tal-preskrizzjoni.
[13] *Albert Mizzi noe vs Anthony u Victoria mizzewgin Cauchi*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kien hemm ebda impediment guridiku li seta' jxekkel id-dritt ta' azzjoni da parti tas-socjeta` rikorrenti li tikkontesta t-taxxa mertu ta' din il-kawza almenu fi zmien xahar minn mindu giet a konoxxenza ta' dan il-fatt. Kif sehhew il-fatti f'dan il kaz, ir-Registratur ma harigx taxxa mill-ewwel imma fuq talba tas-socjeta` konvenuta u allura sa dak iz-zmien wiehed jista' logikament jirraguna li ma kien hemm ebda inerzja attribwibbli lis-socjeta` rikorrenti. Izda dan ma kienx il-kaz wara li l-prezentata tan-nota bit-taxxa annessa giet verbalizzata fil-presenza tad-difensur tas-socjeta` rikorrenti fil-kawza konnessa mal-prezenti.

Jigi osservat li l-artikolu 64 (1) jispecifika d-*dies a quo* minn meta jibda jiddekorri t-terminu biss fil-kaz ta' min jitlob it-taxxa u cjoe "*mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa"* u," għad-debitur *mill-ġurnata ta' notifika ta' att gudizzjarju."* Izda l-legislatur ma jistabbilixxi ebda regola fir-rigward tal-parti li la talbet il-hrug tat-taxxa u lanqas hija d-debitur ghall-hlas kif proprju u l-kaz tallum.

F'dan il-kaz il-Qorti ghandha ghalhekk thares lejn il-principji generali kif fuq enuncjati li jirrispekkjaw il-htiega ta' certezza fir-relazzjoni bejn il-partijiet. Hlief f'kaz ta' impossibbilta` ta' azzjoni da parti tas-suggett attiv, dan ghandu jagixxi *entro* t-terminu stabbilit mid-data meta titwieled l-azzjoni li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, hija t-22 ta' April 2002.

Dak li vverbalizza d-difensur tar-Registratur tal-Qorti hu korrett ghaliex ma nhargitx ittra ufficjali ghan-notifika tas-socjeta` attrici, izda hu daqstant korrett it-tezi tas-socjeta` konvenuta li tinsisti li l-azzjoni odjerna hija preskritta, u dan *stante* li s-socjeta` attrici kienet giet a konjizzjoni gudizzjarjament tat-taxxa f'proceduri ohra bejn l-istess partijiet.

Lanqas jista' jinghad li l-proceduri odjerni kienu intempestivi ghaliex galadarba l-kawza giet intaxxata mir-Registratur tal-Qorti, din tista' tigi impunjata biss permezz tal-proceduri ta' ritassa istitwiti *ai termini* tal-artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Wiehed jista' jargumenta li r-

Registratur tal-Qorti ma missux intaxxa l-kawza galadarba l-likwidazzjoni tal-valur tal-kawza kien *sub judice*, izda b'hekk it-taxxa mahruga mhix nulla u r-Registratur kellu kull dritt u dmir biex jghaddi ghall-intaxxar tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji ta' kawza li kienet giet deciza definitivament. F'ebda hin ma gie inibit (u huwa dubbjuz ferm li l-Qorti ghandha s-setghet biex tinibixxi r-Registratur fl-ezercizzju tal-prerogattiva tieghu) milli jezercita din il-prerogattiva diskrezzjonali tieghu u ghalhekk kien fil-pjena setghat tieghu meta hareg it-taxxa *de quo*.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Cole Foods Limited, fejn eccepiet li l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, **tichad** it-talbiet tas-socjeta` attrici *stante* li huma preskritti *a tenur* tal-istess artikolu kif fuq inghad kif ukoll **tichad** l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------